*-talba għal residenza f'Malta – dritt ristrett t'appell*

*- evaluwazzjoni tal-provi mit-Tribunal mhix normalment sindakabbli*

*-l-aħjar prova dokumentali*

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Appell Nru. 70/19 GM**

**Aleksandar Antanasov karta tal-identita' numru 181121A**

**vs**

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u**

**l-Espatrijati**

Il-Qorti:

Permezz ta' deċiżjoni datata 13.08.2018, il-konvenut ċaħad it-talba ta' **Aleksandar Antanasov għal** *single permit for work and residence "as the*

*alleged referee failed to confirm the authenticity of the reference letters provided. The Department cannot confirm that you are suitable for the position you have applied for".* Antanasov appella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni li wkoll ċaħadlu t-talba. Lanqas quddiem il-Bord ma ppreżenta d-dokumenti minnu mitluba f'forma awtentikata; filwaqt li l-konvenut ma weġibx. Fl-atti tal-appell quddiem din il-Qorti l-appellat esebixxa talba li għamel biex id-dokumenti jiġu awtentikati li ntbagħtet fl-indirizz elettroniku ndikat mill-appellant innifsu iżda dawn baqgħu mingħajr tweġiba. L-aggravju tal-appellant quddiem din il-Qorti hu li l-Bord messu talab lill-konvenut iressaq il-provi hu. Isostni li l-Bord mhux marbut b'xi proċedura speċjali u għalhekk kellu jaċċetta d-dokument bħala prova minkejja li mhux awtentikat;

Illi appell quddiem din il-Qorti mill-Bord imsemmi huwa limitat f'każijiet ta' ċerti kategoriji ta' persuni msemmijin fil-Kap 217 u fuq punti ta' dritt biss. Dak li qiegħed jikkwerela l-appellant huwa l-mod ta' evaluwazzjoni tal-provi mill-Bord: jekk kellux jinsisti għall-aħjar prova u jekk kellux jitfa' l-piż tal-prova fuq l-appellant. Dan l-aggravju huwa effettivament stedina lil din il-Qorti biex tagħmel evaluwazzjoni ġdida tal-provi. Li jfisser li qiegħed isir appell minn punt ta' fatt, u mhux punt ta' dritt. Taħt dan il-profil, l-appell huwa inammissibbli u allura irritu u null;

Illi anke jekk l-aggravju jiġi b'xi mod ikkategorizzat bħala punt ta' dritt xorta waħda ma jistax jirnexxi għaliex huwa prinċipju sewwa magħruf li qorti ta' reviżjoni ma timmiskjax ruħha fl-evaluwazzjoni tal-provi tal-ewwel tribunal sakemm din ma tkunx waħda manifestament illoġika jew inkongruwa. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti ma tistax taċċetta l-pretenzjoni tal-appellant li t-Tribunal kellu jinverti l-provi, b'kapovolġiment tal-massima universalment magħrufa li min jallega jrid jipprova. Lanqas ma tara xejn ħażin li t-Tribunal, bħall-konvenut qablu, esiġa li d-dokument li fuqu ġie msejjes l-appell jiġi awtentikat. Ċertament li l-Qorti ma tistenniex li t-Tribunal jaċċetta sempliċi

fotokopja ta' dokument u abbażi tagħha jakkorda r-residenza f'Malta. Għalkemm mhux marbut bl-aħjar prova, m'hemm xejn x'iżommu milli jitlobha jekk iħoss il-ħtieġa. Interessanti li fl-Ingilterra, fejn il-Qrati bdew permezz ta' varji eċċezzjonijiet idgħajjfu r-regola tal-*best evidence rule* sa mill-bidu tas-seklu dsatax (għalkemm Malta daħħlitha, bħala regola tassattiva, fil-kodiċi ritwali tagħha f'nofs dak is-seklu u għadha hemm sallum) sakemm illum spiċċat fix-xejn, spiss jingħad li baqa' bħala "*the remains of the rule*", [1] "*the requirement that the original of a private document must be produced to prove its contents unless its absence can be explained*"[2]. Ċertament it-talba għal dokument awtentikat mit-Tribunal mhix kapriċċ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[1] Cross on Evidence, 5th Ed. 1979, paġna 17
[2] Garton v. Hunter (1969) 1 All E.R. 451 per Lord Denning, Master of the Rolls